# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA PUBBLIKA

Reference Number: PR171670, Press Release Issue Date: Jul 10, 2017

Id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali javża lill-pubbliku li qiegħed jinvestiga l-każ li seħħ f'Eco Pure Ltd.

Il-kumpanija msemmija li tagħmel parti minn Farsons Group, dalgħodu infurmat lid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali li żviluppat ħsara teknika li setgħet waslet biex jiġu kompromessi kontenituri tal-ilma tas-San Michel Pure Table Water-Eco Pure .

Anke fuq pariri tad-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali, il-kumpanija Eco Pure se tkun qed tirtira mis-suq il-kontentituri tal-ilma tat-18.9 litru u 10 litri sa' batch numru 188.

Intant il-produzzjoni tal-ilma ġiet sospiża mid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali, sakemm jiġu konklużi l-investigazzjonijiet.

Intant uffiċjali mid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali jinsabu fuq il-post biex jinvestigaw dan il-każ.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telephone – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' wara nofsinhar jew jibgħat *e-mail* fuq mhi@gov.mt.

Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Press-Releases/Pages/Press-Releases.aspx għal informazzjoni simili.